MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Numru. 1000/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**Spettur Robert Gregory**

**Vs**

**Jamal Badawi ta' 22 sena mwieled il-Grecja (Ateni) nhar id-19/7/1981 bin Rageb u Hawwa nee` Lgadi residenti gewwa Nro 50 Apartament Nru 7 Telghet B'Kara San Giljan u detentur ta' karta ta' l-identita 23508A**

**Illum 19 ta' Ottubru, 2005**

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi migjuba kontra Jamal Badawi u cioe talli nhat t-2 ta' Dicembru 2003 f'San Giljan mill-post maghruf bhala San Guliano Restaurant ghall-habta ta' 2.00am, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, li taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi bil-hsieb li jikkommetti

serq ghad-dannu ta' Peter Darmanin mill-fond kummercjali msemmi, ta' aktar min mitt lira Maltin, liema tentattiv ta' Serq huwa aggravate bil-mezz, valur, u bil-hin u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, dan bi ksur ta' artikoli 41(a), 261, 263, 267, 270, 278 u 279 (b) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok data u hin, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Peter Darmanin minn San Giljan, liema hsara teccedi il-hames mitt lira Maltin, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (a) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni registrata mill-akkuzat fi stadju bikri tal-kawza u cioe mat-tieni seduta.

Rat il-konkluzjonijiet redatti mill-probation officer fil-pre sentencing report.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali that liem hemm mahsuba li tinstab htija u cioe`

- l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

- l-artikolu 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi rat li fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2004, l-akkuzat rregistra n-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu ghall-proceduri sommarji. Ma regghetx giet registrata ammissjoni fuq ir-reati lilu addebitati fl-artikoli. Tinnota wkoll il-Qorti li l-Avukat Generali fl-artikoli minnu mibghuta ma tghax l-artikolu tar-recidiva u lanqas ta' xi ksur ta' sentenza sospiza.

Illi huwa pacifiku li din il-Qorti hija marbuta li tiggudika lill-akkuzat <u>biss</u> fuq l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali.

Ikkonsidrat:

Illi din il-Qorti nonostante l-ewwel ammissjoni registrata u stante ghal fatt li ma gietx hekk ikkonfermata mal-qari tal-artikoli, ghamlet ezami tal-provi prodotti.

Illi nonostante ghall-fatt li Badawi f’zewg stqarrijiet kien insistenti li hu ma kien jiftakar xejn mill-incident mertu ta’ din l-akkuza, u ghalkemm l-istills esebiti kienu rizultat ta’ xoghol tal-Forensika, pero l-istess Badawi rrikonoxxa l-fatt li l-bniedem li jidher fl-istess stills kien jixbah lilu. Il-prezenza tieghu f’San Guliano Restaurant hija anke rrapportata fil-pre sentencing report minnu mitigat mill-ewwel ammissjoni.

Pero anke dak li l-akkuzat ghazel li jammetti l-akkuzi kif proposti inizjalment kontra tieghu din il-Qorti anke in vista ta’ dak premess meta nqraw l-artikoli, thoss li l-unika reat (mill-artikoli) li jista jigi addebitat lil Jamal Badawi huwa dak ta’ hsara volontarja taht l-artikolu 325(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-akkuzi ta’ serq aggravat ma gew qatt pruvati, lanqas it-tentattiv ghaliex hija aktrar propensa li temmen li Badawi dahal go San Guliano aktar biex jiekol milli biex jisraq.

Ghaldaqstant qed issibu hati biss taht l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tikkundannah ghall-piena karcerarja ta’ sena u nofs sospiza ghal erba snin wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u qeghda tqedu taht ordni ta’ supervizjoni ghall-perjodu ta’ sena mill-lum u qeghda tahtar ghal dan l-iskop , lill-ufficjal sorveljanti Mary Rose Farrugia.

Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------